**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Gunju, 2017**

Numru 9

**Rikors Guramentat Nru. 449/2011**

**Elmo insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel sive Lino Ferris u l-istess Carmel sive Lino Ferris**

**vs**

**Citadel Insurance PLC u Monica Maree Spinelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-6 ta' Mejju, 2011 li jghid hekk:

1. Illi fil-11 ta' Frar 2010, ghal habta tat-8.45am, waqt li Brian Ferris kien qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FER 777, proprjeta tal-esponent Carmel sive Lino Ferris, fi Triq il-Htajriet, Mosta, li hija t-triq principali, huwa safa milqut mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIC 188, li kienet misjuqa mill-intimata Monica Maree Spinelli, li baqghet hierga minn Triq E.B. Vella, Mosta, bla ma waqfet, ghalkemm l-istess triq hija wahda sekondarja, markata bis-sinjal "STOP" [Dok.A].

2. Illi konsegwentement ghal dan l-incident, l-esponenti garrbu danni fl-ammont globali ta' wiehed u ghoxrin elf sitt mija u sebghin ewro [€21,670], fejn l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FER 777, giet dikjarata beyond economical repair, rizultat tad-danni li garrbet konsewgenza tal-incident de quo.

3. Illi s-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited, a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive mahruga fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FER 777, kif kienet obbligata taghmel, indennizat lill-assikurat taghha fis-somma ta' sittax-il elf mitejn u hamsin ewro [€16,250] u li ghalhekk l-istess socjeta Elmo Insurance Limited giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha.

4. Illi min-naha tieghu, l-esponent Carmel sive Lino Ferris de proprio garrab danni fl-ammont ta' hamest elef erba' mija u ghoxrin ewro [€5,420].

5. Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament l-intimata Monica Maree Spinelli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-artikolu 1031 u 1032(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. llli l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIC 188 kienet assikurata mas-socjeta assikurattiva Citadel Insurance plc u min-naha taghha, l-intimata Monica Maree Spinelli ddelegat lill-assikurazzjoni taghha sabiex titratta hi mal-esponenti l-kwistjoni tad-danni minnhom subiti. Fil-fatt saret claim bin-numru SPI/PCC/10/136279 u s-socjeta intimata Citadel Insurance plc ittrattat direttament mal-esponenti.

7. Illi minkejja li l-intimati kienu interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni tal-esponenti permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2010, huma baqghu inadempjenti.

8. llli l-esponenti ghandhom dritt ta' azzjoni diretta kontra z-zewg intimati. Kontra l-intimata Monica Maree Spinelli ghal culpa aquiliana skond l-artikolu 1031 u 1032(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kontra s-socjeta intimata Citadel Insurance plc ghaliex, bhala assikurattur awtorizzat [authorised insurer] tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIC 188, li kienet qed tinstaq mill-istess Monica Maree Spinelli, hija obbligata taghmel tajjeb direttament ghad-danni li garrbu l-esponenti u dan a tenur tal-artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet kollha premessi:

1. Tiddikjara lill-lntimata Monica Maree Spinelli unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni globali sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf sitt mija u sebghin ewro [€21,670], in kwantu ghal sittax-il elf mitejn u hamsin ewro [€16,250] lis-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal hamest elef erba' mija u ghoxrin ewro [€5,420] lir-rikorrent Carmel sive Lino Ferris, occorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati Monica Maree Spinelli u Citadel Insurance plc, din tal-ahhar fil-vestl taghha bhala assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIC 188 sabiex, solidament bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma globali ta' wiehed u ghoxrin elf sitt mija u sebghin ewro [€21,670], in kwantu ghal sittax-il elf mitejn u hamsin ewro [€16,250] lis-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal hamest elef erba' mija u ghoxrin ewro [€5,420] lill-esponent Carmel sive Lino Ferris.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2010, u bl-imghax legali b'effett mit-12 ta' Lulju 2010 kontra l-istess intimati solidament bejniethom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. IIli l-ewwel talba qed tigi ammessa fis-sens illi l-esponenti qed jammettu li r-responsabilita tal-incident tinsab unikament imputabbli lill-intimata Monice Maree Spinelli.

2. Illi, madanakollu, l-atturi kienu diga infurmati b'dan bil-miktub mill-esponenti u kwindi ma ghandhomx jigu kkundannati jissaportu l-ispejjez gudizzjarji u legali in konnessjoni ma' din it-talba.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-bqija tal-eccezzjonijiet, fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet attrici, l-ammont mitlub qed jigi kkonstestat in kwantu ezagerat u li ma jirrispekkjax l-ammont ta' danni effettivament sofferti mill-atturi bhala konsegwenza diretta tal-incident mertu ta' din il-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-bqija tal-eccezzjonijiet, l-ammont mitlub qed jigi kkontestat ukoll peress illi dan l-ammont jinkludi wkoll somom li setghu facilment jigu evitati mill-atturi jew min minnhhom u li gew mhallsin mill-atturi jew min minnhom bi ksur car tal-obbligu legali taghhom li jiminimizzaw id-dannu lilhom rekat.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-bqija tal-eccezzjonijiet, l-esponenti kienu diga offrew lill-atturi li jhallsu is-somma li realment tirrapprezenta l-valur tad-dannu soffert mill-atturi bhala konsegwenza diretta tal-incident mertu ta' din il-kawza qabel ma giet intavolata din il-kawza imma l-atturi ingustament irrifjutaw tali pagament. L-ghola ammont li jista' jigi likwidat favur l-atturi huwa fil-fatt dak offert mill-esponenti. Ghalhekk ukoll l-esponenti lanqas ma ghandhom isofru l-ispejjez u d-drittijiet assocjati ma din il-kawza.

6. IlIi, l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u rapport tal-periti addizzjonali;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna titratta incident awtomobilistiku li sehh il-Mosta, nhar il-11 ta’ Frar, 2010, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FER 777, tal-attur Carmel sive Lino Ferris, misjuqa minn ibnu Brian Ferris, assikurata mas-socjeta attrici Elmo Insurance Limited u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni NIC 188, misjuqa mill-konvenuta Monica Maree Spinelli, assikurata mas-socjeta konvenuta Citadel Insurance plc.

Peress illi fl-eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti jammettu r-responsabbilita ghall-incident li sehh, u jishqu li l-kontestazzjoni taghhom hija limitata ghall-kontestazzjoni tad-danni, in kwantu ritenuti esagerati, din il-Qorti trid tqis biss il-likwidazzjoni tad-danni sofferti.

Mix-xhieda tal-attur Lino Ferris jirrizulta li huwa u t-tifel tieghu, Brian, ghall-habta ta' April, 2009, xtraw il-vettura tal-mudell specjali ta' Audi A3 li hija tat-tip S Line, mill-inhawi ta' Londra, fl-Ingilterra. Din kienet tinkludi diversi accessorji bhal *full leather seats, full controls fl-isteering wheel, entertainment system* fuq gewwa, kif ukoll roti specjali, li mhumiex meqjusa bhala standard, li kellha ftit mileage (ta' madwar 30,000 mil) u allura qiesu li kienet bi prezz vantagguz u ddecidew jimpurtawha lejn Malta. Jghid li b'kollox giethom madwar €28,000, inkluz l-ispejjez biex jimportawha u jirregistrawha, filwaqt li kienet assikurata *fully comprehensive* fuq il-valur ta' €25,000. Wara l-incident huwa mar fuq il-post u seta' jikkonstata li l-vettura kellha hsara estensiva, tant li kemm is-surveyor taghhom, Charles Cauchi, kif ukoll is-surveyor tas-socjeta konvenuta, qablu li l-vettura kienet beyond economical repair. Mid-diskussjonijiet li kellu ma diversi rapprezentanti tas-socjeta konvenuta, rrizulta li l-problema taghha kienet li ma setghetx thallas aktar mill-valur li l-vettura kienet assikurata bih, u cioè €25,000. Jispjega wkoll li s-socjetà attrici lilu halsitu s-somma assikurata ta' €25,000, filwaqt li hija thallset ghar-*wreck value,* s-somma ta' €8,500 u ghalhekk ghandha bilanc dovut lilha ta' €16,500. Hija meqjusa interessanti dik il-parti tax-xhieda tieghu fejn jghid:

> Ahna hadna riskju, illi assigurajna fuq twenty five thousand (25,000) nafu li jekk kemm-il darba jkun hemm incident fejn ghandna tort ha niehdu twenty five thousand (25,000).

Xehed is-surveyor tas-socjeta attrici, Charles Cauchi li wara li kkonferma l-mudell tal-karozza li ra fi Frar 2010, kienet Audi A3 S Line, spjega li l-*year of manufacture* taghha kienet 2007, u li tant kellha hsarat estensivi li ma qiesx li kienet vijabbli li tissewwa. Huwa ta stima tal-*pre-accident value* tal-karozza fil-figura ta' €32,000. Spjega li din il-karozza partikolari ma kellhomx *book value* taghha u ghalhekk ibbaza ruhu fuq vettura simili taghha li kienet stmata bejn €36,000 u €38,000 (ara Dok. CC2 a fol. 35 tal-process), qies li kellha certu accessorji partikolari u peress li l-vettura tal-

assikurat kienet sitt xhur eqdem u mpurtata minn barra, naqqas il-valur ghal €32,000. Filwaqt li fin-notamenti tieghu jirrizulta l-valur ta' €8200 bhala *wreck value.*

Jeffrey Crockford, Motor Claims Manager mas-socjeta attrici xehed li kien prezenti waqt telefonata bejn l-assikurat u s-surveyor tas-socjetà intimata, Natalino Agius fejn dan tal-ahhar infurmah li kien hemm negozju ta' Audi A3, li ma kenitx S Line u li taghha kienu qeghdin jitolbu bejn 31,000 u 32,000. Jghid ukoll li s-surveyor Natalino Agius kien qabel mas-surveyor taghhom li ladarba kienet assikurata bil-valur ta' €25,000, din kienet *beyond economical repair.*

Fuq talba tad-difensur tal-atturi u bi qbil bejn il-partijiet, permezz tad-digriet tal-10 ta' April, 2013, il-Qorti innominat is-surveyor Mario Cumbo sabiex jisma' l-provi limitatament ghall-valur fis-suq tal-vettura in kwistjoni fid-data tal-incident u wara li jisma' l-provi jaghmel rapport bil-konkluzzjonijiet tieghu.

Mir-rapport tas-surveyor appuntat mill-Qorti jirrizulta, li saret seduta wahda li fiha l-partijiet ressqu l-provi taghhom. Wara li qies ix-xhieda tas-surveyor tas-socjeta attrici Charles Cauchi, li bbaza r-rapport tieghu fuq is-somma li kienet assikurata l-vettura in kwistjoni, u osserva li ghalkemm dan ix-xhud innota li fis-suq lokali ma kienx hemm ghall-bejgh vettura simili, naqas milli jipprova jaghmel ricerka u jistabilixxi kemm kienet tiswa vettura simili, kieku kellha tigi impurtata minn barra. Filwaqt li ghalkemm l-attur esebixxa riklam ta' vettura ghall-bejgh, dan kien ta' Audi A4, (Dok. LF1 a fol. 72 tal-process) li kienet meqjusa mill-espert, bhala kompletament differenti fid-daqs u fil-valur. L-espert qies ukoll ix-xhieda tas-surveyor tas-socjetà konvenuta, Natalino Agius, li pprezenta riklami ta' vetturi simili migburin fiz-zmien li sehh l-incident, inkluz maghhom l-istima ta' taxxa li tkun trid tithallas mal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, sabiex tigi registrata vettura simili fl-2010, li wasslu ghall-figura ta' kwazi €22,000 (ara dokumenti esebiti bhala Dok. NA1 a fol. 73 *et seq* tal-process).

Peress li l-vetturi maghzula mis-surveyor tas-socjeta konvenuta ma kenux ezatt tal-istess mudell u ftit fin-numru, l-istess espert ghamel ukoll ricerka tieghu. Huwa hareg prezz medju ta' €17,967, mahdum fuq riklami ta' tliet vetturi, bl-istess kwalitajiet u kondizzjoni (esebiti bhala Dok. MC1 a fol. 65 *et seq* tal-process). Maghhom zied it-

taxxa, hlas ghat-trasport u 10% bhala spejjez addizzjonali, sabiex hareg valur ta' €23,955. Ghaldaqstant, ikkonkluda li l-vettura tal-assikurat Ferris, fl-2010 kellha il-valur ta' €24,000. Permezz ta' nota fir-rapport tieghu, l-espert jghid ukoll li kunsidrat li l-vettura nbieghet bhala *wreck* ghall-prezz ta' €8,750 u li s-socjeta konvenuta offriet is-somma ta' €16,250, bhala hlas ghad-differenza tal-valur u kumpens ghat-telf t'uzu, qies l-offerta tas-socjeta konvenuta ta' €25,000 bhala wahda gusta, aktar u aktar meta din l-offerta giet mizjuda b'€2,094, biex tkopri xi talbiet ohra tal-attur Ferris.

Meta xehed in eskussjoni, l-espert tal-Qorti Mario Cumbo, qabel li in kwantu l-opinjoni ta' Charles Cauchi kienet fis-sens li l-vettura assikurata kienet tiswa aktar, (€32,000) madankollu, is-socjeta attrici kienet marbuta mal-valur assikurat ta' €25,000. Mistoqsi biex jispjega l-bazi tal-kalkoli tieghu, huwa jghid li l-evidenza prodotta mill-partijiet kienet pjuttost fqira, fis-sens li ladarba ma sarux il-verifiki opportuni fl-2010, is-sena li fiha sehh l-incident bil-vettura, kien ikun opportun li jingabru riklami tal-valur fis-suq ta' vetturi simili dakinhar, inkluz l-ispejjez sabiex tingieb Malta u sabiex tithallas it-taxxa. Jghid ukoll li l-prezzijiet wara hames snin inbidlu u ghalhekk hadem fuq il-kriterji tal-vettura in kwistjoni, billi kkunsidra li kienet karozza li kienet ilha sentejn barra qabel ma giet impurtata, bl-istess mileage u trim levels, inkluz l-ispejjez ta' registrazzjoni, u zied ukoll 10% bhala spejjez addizzjonali, sabiex hareg il-valur ta' €24,000.

Mistoqsi jekk ghamilx referenza ghall-guidebook, huwa qabel li mudell gdid ta' Audi A3 (li ma kenitx S Line) kienet indikata b'valur ta' €38, 400, izda spjega li f'dan il-kaz, il-vettura in kwistjoni kienet impurtata minn barra wara li kienet ilha sentejn barra. Fil-fehma tieghu meta jkunu vetturi impurtati minn barra, wiehed irid inaqqas madwar 20% sabiex wiehed jasal ghal valur vicin il-prezz tas-suq. Izda b'danakollu dan ma kienx ezercizzju konkret, peress li biex wiehed ikun korrett, kellu jara l-vettura, kemm fiha mili u l-kundizzjoni taghha, qabel ma wiehed jiddeciedi l-percentagg li kellu jitnaqqas. Jispjega wkoll li ghalkemm huwa jaghmel referenza ghall-guidebook meta jigi biex jistabilixxi pre-accident value ta' vettura, huwa ma jintrabatx mieghu u li dan l-aktar li jintuza ghal vetturi li jinhargu godda Malta, izjed milli dawk li jingiebu mill-Ingilterra, peress li l-ispecs tal-vetturi l-Ingilterra huma differenti minn dawk ta' Malta.

Hija ritenuta interessanti r-risposta ta' dan l-espert meta mistoqsi jispjega ghala bbaza l-konkluzjoni tieghu fuq riklami u ma kkumentax fuq dak ritenut mis-surveyor Charles Cauchi (li kien ra l-vettura fiz-zmien in kwistjoni u stmaha bil-pre-accident value ta' €32,000), huwa jghid li ma setax jaqbel ma' din l-opinjoni, peress li ma kien gie pprezentat xejn biex jissostanzja dak il-valur. Kien minhabba dan in-nuqqas li ma setghax jaccetta din l-istima.

Fuq insistenza tal-atturi, permezz ta' digriet li nghata fis-16 ta' April, 2015, il-Qorti laqghet it-talba taghhom ghan-nomina ta' Periti Addizzjonali. Bi ftehim bejn il-partijiet, gew nominati Kumar Bonello, Joseph Cortis u Philip Zammit, sabiex wara li jisimghu s-sottomissjoniet tad-difensuri tal-partijiet, jaghmlu r-rapport addizzjonali taghhom. Peress li Philip Zammit ma setax jaqdi l-inkarigu moghti lilu, il-partijiet qablu li kellu jigi sostitwit bl-espert John Callus u l-Qorti laqghet it-talba taghhom f'dan is-sens.

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali pprezentat minnhom fit-30 ta' Gunju, 2016. L-istess esperti wara li qiesu l-provi mressqa mill-partijiet u adottaw tliet metodi differenti ta' kif wiehed jista' jasal ghall-valur tal-vettura qabel ma sehh l-incident:
L-ewwel metodu huwa bbazat fuq il-metodu ta' kalkoli mwettqa mill-ewwel espert tal-Qorti, Mario Cumbo, u wara li sabu tliet riklami ta' karozzi bl-istess *specifications* u bl-istess kundizzjonijiet li kellha l-vettura tal-attur Ferris, sabiex hadmu prezz medju f'lira sterlina ghal vetturi tas-sena 2013, hargu l-ekwivalenti tieghu f'euro billi uzaw ir-rata ta' kambju tal-2010 u ziedu l-ispejjez, taxxi u kummissjonijiet, sabiex waslu ghall-valur ta' €25,926.84.
It-tieni metodu adoperat minnhom kien billi jharsu lejn il-Malta Vehicle Value Guide Book, versjoni Dicembru, 2009. Peress li fih ma kienx hemm il-mudell S Line, ghazlu li juzaw mudell tal-2008 minflok dak tal-2007 sabiex jikkumpensa ghad-differenza fil-livell ta' trims, u b'hekk hargu l-figura ta' €36,400, applikaw tnaqqis bil-percentagg ta' 20% sabiex jaghmel tajjeb ghall-fatt li l-vettura kienet *a second hand UK import,* sabiex waslu ghall-figura ta'€29,120.
It-tielet metodu jinvolvi l-prezz kurrenti f'lira sterlina (tas-sena 2016) ta' vettura simili, (inkluz is-sena ta' manifattura, u mileage), fis-suq Ingliz u din id-darba ziedu

percentagg minn sena ghal sena sakemm marru lura ghas-sena 2010, uzaw ir-rata ta' kambju tas-sena 2010, ziedu t-taxxi, spejjez ta' transport u kummissjonijiet, sabiex waslu ghall-valur ta' €28, 758.

Wara li kkunsidraw il-kalkoli kollha mahduma permezz tat-tliet metodi hawn fuq imsemmija, huma kkonkludew li fil-fehma taghhom il-valur medju ghandu jkun dak ta' €27,934.95.

Trattati l-provi, imiss li din il-Qorti titratta il-kwistjoni ta' kumpens misthoqq ghat-telf imgarrab mill-atturi. Mhux kontestat li s-socjeta attrici hallset lill-attur l-iehor Ferris a bazi tal-polza tal-assikurazzjoni fuq il-valur ta' €25, 000. In-nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti huwa fis-sens li filwaqt li l-atturi jghidu li l-vettura kienet tiswa aktar, il-konvenuti jghidu li ma jistghux ihallsu aktar minn dak il-valur li bih kienet assikurata l-vettura.

Kif kellha okkazjoni tosserva din l-istess Qorti, kif preseduta, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance plc et v. Raymond Calleja:**

> Bhala principju kull persuna ghandha tingieb fl-istess pozizzjoni li kienet qabel ma ssubiet id-dannu. Pero hi principju iehor daqstant ekwivalenti illi ebda persuna ma ghandha tavvantagja ruhha u taghmel profit mid-dannu subit u anzi hemm l-obbligu li d-danni ghandhom fejn possibbli jigu minimizzati mill-kreditur.
>
> Fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Camilleri vs Middlesea Insurace plc**, App Inf 04/05/2005, intqal:
> illi funzjoni primarja ta' l-obbligazzjoni ta' rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr, almenu par equivalent, tal-qaghda antecedenti ghall-fatt. Dan f'somma li tekwipara l-valur reali ta' l-utilitajiet mitlufa jew ta' l-oggett distrutt.
>
> L-istess sentenza zzid tghid illi:
> Huwa kjarament desumibbli minnu illi kull konsegwenza patrimonjali negattiva ghall-attrici appellanti trid tigi kalkolata skond parametri objettivi tas-suq fil-mument tas-sinistru.

F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha quddiema stimi differenti mressqa kemm mis-surveyors tal-kontendenti fil-kawza, kif ukoll tal-esperti teknici mqabbda minnha. Billi l-materja hija pjuttost teknika, il-Qorti taghzel li toqghod fuq l-istima mressqa fir-rapport tal-esperti addizzjonali taghha, li apparti li titqies li hija prova importanti li ghandha l-piz probatorju taghha, hija wkoll ritenuta l-aktar wahda ekwa u gusta.

Din il-Qorti tinsab ukoll rinfaccata bi tliet valuri differenti ta' *wreck value,* l-attur Ferris jghid li kienu mhallsa €8,500 (fol. 24), min-notamenti tas-surveyor tas-socjeta attrici, Charles Cauchi, hemm indikat l-ammont ta' €8,200 (fol. 31), filwaqt li l-ewwel espert tal-Qorti jghid li giet mibjugha bil-prezz ta' €8750 (fol.64). Fin-nuqqas ta' prova cara li kienet tinkombi lill-atturi li jressqu, din il-Qorti ser tadotta l-ammont indikat lilha mill-espert tal-Qorti Mario Cumbo, fl-ammont ta'€8750. Fil-verita ir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom jinghad li l-indenniz imhallas lill-assikurat kien fl-ammont ta' €16,250, li meta jizdied maghha l-ammont ta' €8750, igib il-valur tal-vettura kif assikurata ta' €25,000.

Ghalhekk meta l-Qorti tiehu l-ammont stabbilit mill-periti addizzjonali taghha ta' €27,934.95 bhala l-*pre-accident value* tal-vettura FER 777 u tnaqqas l-ammont ta' *wreck value* fl-ammont ta' €8750, iwassal ghad-differenza ta' €19,184.95, li huma d-danni li ghandhom jithallsu da parti tal-konvenuti, sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsara mgarrba lill-atturi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tqis illi l-ewwel talba giet ezawrita permezz tal-ammissjoni ta' responsabbilita, kif tirrizulta mill-istess eccezzjonijiet tal-konvenuti. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba tal-atturi, limitatament fis-sens illi, tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' €16,250, u lill-attur Carmel sive Lino Ferris is-somma ta' €2,934.95, bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza.
L-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal tmenin fil-mija mill-konvenuti u ghoxrin fil-mija mill-atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur